

INFORMAZZJONI GĦAĊ-ĊITTADINI LI JŻURU SPANJA

Dan id-dokument jipprovdi liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar kif tiġi pproċessata d-*data* personali dwar is-saħħa tagħhom meta jfittxu l-kura tas-saħħa fi Spanja.

L-informazzjoni li ġejja hija pprovduta sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti, li huma stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-Unjoni Ewropea, sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom.

X'inhom l-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa?

L-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa (eHDSI) hija parti mis-servizz MyHealth@EU, li joffri liċ-ċittadini Ewropej mod sempliċi u sigur kif jittrażmettu d-*data* personali tagħhom dwar is-saħħa b'mod elettroniku lil Stati Membri oħra jekk ikunu jeħtieġu l-kura tas-saħħa waqt li jkunu barra minn pajjiżhom. Id-*data* hija pprovduta lill-professjonisti tas-saħħa fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) fejn jiġi ttrattat iċ-ċittadin. Id-*data* personali tiġi pproċessata f'konformità mal-liġijiet tal-pajjiż fejn qed tintalab il-kura tas-saħħa, f'dan il-każ Spanja.

Il-kategorija tad-*data* li nipproċessaw

Is-Sommarju tal-Pazjent Ewropew (EUPS) fih informazzjoni medika bażika dwerek li tiġi kkomunikata bejn il-pajjiżi sabiex tkun tista' tirċievi kura tas-saħħa f'pajjiż ieħor. Din tinkludi *data* personali użata biex tidentifikak u informazzjoni medika personali bħal allerġiji, medikazzjoni li qed tiegħu bħalissa, mard u kirurġija preċedenti, li huma importanti u meħtieġa sabiex il-professjonisti tas-saħħa jipprovdulek kura xierqa tal-pazjent meta tkun barra minn pajjiżek.

L-informazzjoni li hija disponibbli mis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek hija d-*data* personali li qabel ġiet irreġistrata u pprovduta f'forma elettronika minn pajjiżek stess. Ara l-Avviż ta' Informazzjoni dwar il-Pazjent ta' pajjiżek għad-dettalji dwar l-informazzjoni li tinsab fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek.

Għal liema finijiet nipproċessaw id-*data* tiegħek?

Aħna nipproċessaw is-Sommarju tal-Pazjent tiegħek sabiex il-professjonisti tas-saħħa li jiprovdulek il-kura fi Spanja jkollhom l-informazzjoni medika li jeħtieġu. Il-professjonisti tas-saħħa tagħna mhux se jaħżnu s-Sommarju tal-Pazjent tiegħek fis-sistemi tagħna. Madankollu, huma jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mingħandek dwar saħħtek waqt li jkunu qed jipprovdu l-kura tiegħek. Din l-informazzjoni tista' tinħażen fis-sistemi ta' informazzjoni tagħna sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti legali li japplikaw għall-professjonisti tas-saħħa tagħna u għal raġunijiet ta' interess pubbliku. F'każijiet bħal dawn, id-*data* tiegħek tinħażen għal mill-inqas 5 snin mid-*data* li fiha inti tiġi rilaxxat(a) minn kull kura medika.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun hemm bażi legali biex isir dan (eż. investigazzjoni li tkun għaddeja dwar reat, is-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija, l-istatistika, eċċ., immirata lejn it-titjib tal-kwalità tal-kura), aħna nżommu d-*data* tiegħek sakemm ikun meħtieġ.

Min se jkun jista' jaċċessa d-*data* tiegħek?

Is-Sommarju tal-Pazjent tiegħek u kwalunkwe *data* personali oħra dwar is-saħħa li tipprovdilna se jiġu pproċessati mill-professionisti tas-saħħa tagħna, li għandhom dmir ta' kunfidenzjalità professjonali, jew minn professionisti oħra soġġetti għal dmir ekwivalenti ta' kunfidenzjalità. Il-professionisti tagħna huma infurmati, imħarrġa u awtorizzati kif xieraq, u se jkunu jistgħu jaċċessaw id-*data* tiegħek biss bl-għan li jipprovdulk il-kura filwaqt li jikkonformaw mal-obbligi legali li jirriżultaw minn dan jew li huma stabbiliti mod ieħor fil-liġi.

L-informazzjoni mis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek se tiġi ttrasferita permezz ta' portal sigur ipprovdut mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa magħżul minn kull pajjiż. Fil-każ ta' Spanja, il-portal tekniku li permezz tiegħu aħna nirċievu d-*data* tiegħek huwa operat mill-Ministeru tas-Saħħa, li min-naħa tiegħu jittrażmetti l-informazzjoni lid-diversi servizzi tas-saħħa f'kull reġjun ta' Spanja. Kemm il-Ministeru kif ukoll ir-reġjuni ffirmaw il-ftehimiet meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*.

Il-Ministeru tas-Saħħa mhuwiex responsabbli għad-*data* personali dwar is-saħħa pproċessata mis-servizzi tas-saħħa fid-diversi reġjuni.

Bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek hija d-Direttiva 2011/24/UE dwar il-kura tas-saħħa transfruntiera. Id-*data* tiegħek tiġi pproċessata sabiex tissodisfa l-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fil-leġiżlazzjoni Spanjola li tittrasponiha: id-Digriet Reġju 81/2014 tas-7 ta' Frar 2014 fl-issodisfar tal-obbligu legali tal-Istat Spanjol li jipprovdni kura tas-saħħa transfruntiera u kontinwità tal-kura tas-saħħa liċ-ċittadini Ewropej.

Id-*data* personali dwar is-saħħa li tipprovdni lill-professionisti tagħna tiġi pproċessata fi Spanja sabiex tikkonforma mal-obbligu dwar il-professionisti tas-saħħa li jipproċessaw id-*data* personali dwar is-saħħa biex jipprovdni l-kura tas-saħħa. Din tista' tiġi pproċessata wkoll għal raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika jew meta dan ikun meħtieġ għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għal finijiet statistiċi. Il-miżuri tekniċi u ta' sigurtà previsti fil-Qafas Nazzjonali tas-Sigurtà (id-Digriet Reġju 3/2010 tat-8 ta' Jannar 2010 li jirregola l-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali fil-qasam tal-gvern elettroniku) jiġu applikati f'kull ħin.

Id-*data* tiegħek dejjem tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikolu 6(1)(c), (d) u (e) u l-Artikolu 9(2)(h), (i) u (j) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u d-Dispożizzjoni Supplimentari 17 tal-Liġi Organika 3/2018 tal-5 ta' Diċembru 2018 dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-garanziji tad-drittijiet diġitali.

Fejn u għal kemm żmien tinħażen id-*data* tiegħek?

Id-*data* personali dwar is-saħħa tinħażen mis-servizzi tas-saħħa tar-reġjuni. Din tinħażen għall-perjodu stabbilit mill-Artikolu 17 tal-Liġi 41/2002 tal-14 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi regoli bażiċi dwar l-awtonomija tal-pazjent u dwar id-drittijiet u l-obbligi rigward l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni medika u billi timplimenta leġiżlazzjoni fir-reġjuni, li taħtha trid tinħażen għal mill-inqas 5 snin mid-*data* li fiha inti tiegħaf minn kull kura medika.

Jistgħu jiġu applikati perjodi itwal ta' ħżin għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew għal finijiet statistiċi, f'liema każijiet japplikaw miżuri xierqa biex tiġi ssalvagwardjata l-privatezza, bħall-anonimizzazzjoni tad-*data* personali.

Id-drittijiet tiegħek

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek ta' aċċess, rettifika, tħassir, oġġezzjoni u restrizzjoni tal-ipproċessar, fejn applikabbli, quddiem il-kontrollur fil-Komunità Awtonoma u/jew fis-servizz tas-saħħa tiegħek jew fil-belt awtonoma ta' Ceuta jew Melilla (INGESA), jew quddiem il-kontrollur fil-pajjiż fejn tkun irċevejt il-kura tas-saħħa. Sabiex tagħmel dan, għandek tibgħat ittra fil-forma li tkun ġiet indikata lilek mill-kontrollur jew għandek tuża l-formola disponibbli fuq is-sit web fil-każ ta' Spanja. Id-dettalji ta' kuntatt għall-kontrolluri nazzjonali u l-kontrolluri tal-Komunità Awtonoma huma pprovduti hawn taħt.

Għandek id-dritt li:

- ikollok aċċess għad-*data* tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tissottometti talba lill-kontrollur,
- tirrettifika kwalunkwe *data* mhux preċiża fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek,
- tirrestrinġi jew toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*,
- tippreżenta lmenti jew talbiet lill-awtorità superviżorja Spanjola (l- [Agencia Española de Protección de Datos](#) [l-Aġenzija Spanjola għall-Protezzjoni tad-*Data*]) meta t-tentattivi tiegħek biex teżerċita d-drittijiet tiegħek ma jkunux irnexxew, jew mal-[awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data*](#) li ġejjin,
- tfittex rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kontrollur jew proċessur,
- tfittex kumpens u responsabbiltà f'konformità mal-Artikolu 82 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Aktar informazzjoni dwar kwalunkwe aspett tal-kura tas-saħħa transfruntiera tista' tinkiseb mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali Spanjol permezz tal-link li ġej: <https://www.sanidad.gob.es/en/pnc/ciudadanoEsp/home.htm>

Informazzjoni dwar l-ilmenti tista' tinstab fuq dan il-link: <https://www.sanidad.gob.es/en/pnc/ciudadanoEsp/infReparRecl.htm>

Dettalji ta' kuntatt għall-kontrollur

Fil-livell reġjonali

Għandek tikkuntattja lis-Servizz tas-Saħħa tal-Komunità Awtonoma tiegħek jew INGESA <https://www.sanidad.gob.es/en/organizacion/caa/directorio/home.htm>

Fil-livell nazzjonali

Il-Ministeru tas-Saħħa, is-Subdirettorat Ġenerali għall-informazzjoni dwar is-Saħħa, Paseo del Prado 18-20, 28014 Madrid.

Posta elettronika: delegadoprotecciondatos@sanidad.gob.es

Formola tal-web għall-eżerċizzju tad-drittijiet:

https://www.sanidad.gob.es/servCiudadanos/proteccionDatos/docs/Formulario_DPD_MSCBS.pdf

Tmiem id-dokument